**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni astjeniet illegalment milli tadotta deċiżjoni finali li ttemm il-proċedura ta' eżami preliminari dwar l-allegata skema ta' għajnuna mill-Istat SA.48582 (2017/FC) implimentata mill-Ġermanja favur il-grupp Maritim u KHI Immobilien GmbH.

**Dispożittiv**

1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Interessengemeinschaft der Hoteliers und Gastronomen Region 10 eV (Ighoga Region 10).

(1) ĠU C 175, 25.5.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Diċembru 2020 – Facegym vs EUIPO (FACEGYM)**

**(Kawża T-289/20)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FACEGYM – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2021/C 62/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Facegym Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Edenborough, QC)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Rampini, J. Crespo Carrillo u V. Ruzek, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Frar 2020 (Każ R 70/2020-5), dwar applikazzjoni għar-reġistazzjoni tas-sinjal verbali FACEGYM bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Facegym Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 247, 27,7,2020.